MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2003

Numru 1063/2002

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**
**vs**
**Norbert James Falzon**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra Norbert James Falzon ta' 21 sena bin Spiridione u Maria Antonia nee' Refalo imwieled Pieta' fid-29 ta' Marzu, 1981 u residenti Nru. 17, Triq l-Emigranti, Naxxar, detentur ta' identita numru 183481(m) akkuzat talli:

Fil-31 ta' Marzu 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, xjentement laqgha ghandu jew xtara hwejjeg, u cioe' apparat tal-Hi Fi, misruqa, mehdua b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Semghet l-imputat jirregistra ammissjoni li ippersista fiha anka wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkonsidrat:

Stante l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tal-imputat issibu hati. Rat il-fedina penali tieghu u rat l-Artikolu 334 tal-Kap 9. Stante li m'hemmx astokalu li l-Qorti tapplika l-Artikolu 9 tal-Kap 152 tilliberah taht id-disposizzjoni ta' dan l-Artikolu ghall-perjodu ta' sena millum.

--------------------------------TMIEM--------------------------------